# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 21 ta' April, 2016**

**Kawża Nru 11**

**Rik. Nru. 349/07JRM**

**MERCURY INVESTMENTS LIMITED** (C – 9995)

vs

Roberta **GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-27 ta' Marzu, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li d-dikjarazzjoni magħmula minnha fuq riċevuta bid-data tat-30 ta' Novembru, 2006, maħruġa favur l-attriċi bil-kliem "*being remaining balance on appalt*" kienet waħda magħmula bi żball u liema żball kien il-kawża waħdanija jew ewlenija tal-istess dikjarazzjoni; (b) issib li l-imħarrka għalhekk għad fadlilha tħallasha s-somma ta' għaxart elef Lira

maltin (Lm 10,000)[1]; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrka tħallasha s-somma ta' għaxart elef Lira maltin bħala bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet appaltati mwettqin minnha fuq talba tal-imħarrka u għall-benefiċċju tagħha f'appartament numru sitta (6) li jagħmel minn blokka "Ċ" fil-korp ta' bini msejjaħ bl-isem ta' "*Ambjent Complex*" fit-Telgħa tax-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Talbet l-imgħaxijiet legali u wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' April, 2007[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fit-2 ta' Mejju, 2007, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet li hija għad fadlilha tħallas xi flus lill-kumpannija attriċi. Hija tgħid li kull dejn li sata' kellha mal-kumpannija attriċi kien saldat bis-saħħa tal-irċevuta tat-30 ta' Novembru, 2006[3], u kif ukoll bid-dikjarazzjoni magħmula minn Ferdinand Grech, rappreżentant tal-istess kumpannija attriċi, fuq l-att pubbliku nutarili tal-istess data fejn ingħatat kwittanza[4]. Żiedet tgħid li l-irċevuta tat-30 ta' Novembru tal-2006 kienet tirrifletti s-sewwa u ma kien hemm l-ebda żball meta saret u kif saret. Temmet tgħid li, minħabba li hija kienet preżenti biss meta sar l-att tal-konvenju u meta sar il-kuntratt tax-xiri-u-bejgħ, ħafna minn dak li ġara tafu mingħand missierha u ħuha;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fit-22 ta' Mejju, 2007[5], bl-ismijiet tax-xhieda mehmużin magħha;

Rat in-Nota tal-kumpannija attriċi tal-5 ta' Ġunju, 2007[6], bix-xhieda bl-affidavit u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Lulju, 2007[7], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u l-provi dokumentali mressqin mill-istess xhieda;

---

[1] Li jġibu € 23,293.73 fi flus tal-lum
[2] Pagg 19 – 20 tal-process
[3] Dok "MI7", f'paġ. 15 tal-proċess
[4] Dok "MI8", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[5] Paġġ. 25 tal-proċess
[6] Paġġ. 26 sa 34 tal-proċess
[7] Paġ. 35 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2008[8], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Listi tal-Kawżi għas-Smigħ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-28 ta' Novembru, 2008[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fil-5 ta' Jannar, 2009[10];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija kawża li permezz tagħha s-soċjeta` attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Mercury") qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li riċevuta[11] maħruġa minnha għas-saldu ta' bilanċ ta' ħlas ta' prezz ta' appalt inħarġet bi żball. Dan billi fit-30 ta' Novembru 2006 inħarġet riċevuta għall-ammont ta' ħamest elef Lira (Lm 5,000)[12] minn Ferdinand Grech u fejn dan iddikjara li dan il-ħlas kien jirrappreżenta "*remaining balance on appalt*". Din ħariġha billi dawk li kienu qegħdin jirrappreżentaw lill-konvenuta allegaw li kien sar ħlas ieħor qabel ta' LM10,000 li Ferdinand Grech ma kienx daħħal fil-konteġġi.  Qalulu li kellhom riċevuta tagħha u għalhekk fdahom[13].  Fil-fatt din l-irċevuta qatt ma ġiet prodotta.  Għalhekk is-soċjeta` attriċi talbet lill-Qorti tordna lill-konvenuta tħallas il-bilanċ li għadu dovut;

Illi min-naħa tagħha, l-imħarrka ċaħdet li kien għad fadlilha tħallas xi flus lil Mercury.  Hija tisħaq li l-irċevuta maħruġa minn Grech turi s-sewwa u ma hija milquta mill-ebda żball, filwaqt li saħansitra f'dikjarazzjoni magħmula f'att pubbliku nutarili ta' dakinhar, l-istess Grech iddikjara li ma kien għad fadal l-ebda pendenza bejn Mercury u l-imħarrka wkoll dwar l-appalt miftiehem;

---

[8] Paġ. 164 tal-proċess
[9] Paġġ. 166 sa 182 tal-proċess
[10] Paġġ. 183 sa 190 tal-proċess
[11] L-irċevuta in kwistjoni hija dik esibita a fol l15 tal-proċess
[12] Li jġibu € 11,646.87 fi flus tal-lum
[13] ara fol 178

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-11 ta' April, 2005[14], l-imħarrka u l-kumpannija Ferdinand Grech Limited daħlu fuq att ta' konvenju dwar ix-xiri ta' appartament bin-numru sitta ittra "Ċ" (6Ċ) u żewġ remissi bin-numri erbgħa u għoxrin (24) u ħamsa u għoxrin (25) li jagħmlu minn blokka ta' bini bl-isem ta' "*Ambjent Complex*" li tinsab f'Telgħet ix-Xemxija, f'San Pawl il-Baħar, u dan bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm miftehma. Il-prezz miftihem għax-xiri tal-ġid imsemmi kien ta' sebgħin elf Lira Maltin (Lm 70,000)[15], li minnhom l-imħarrka ħallset lill-imsemmija kumpannija għaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000) akkont tal-prezz fuq l-istess att ta' konvenju. Ta' dan il-ħlas hija ngħatat riċevuta;

Illi fis-26 ta' Marzu, 2005[16], Mercury u l-imħarrka daħlu għal ftehim ta' appalt li bih Mercury (li fuq dik il-kitba f'isimha dakinhar deher Ferdinand Grech) kellha tagħmel xogħlijiet ta' tqegħid ta' torba, kisi ta' ħitan bil-*gypsum* u stallazzjoni ta' dawl u ilma, ta' kamra tal-banju u ta' kċina, u tqegħid ta' tank tal-ilma u xogħlijiet oħrajn fl-imsemmi appartament, kollox kif imfisser fl-istess kitba. Ix-xogħlijiet appaltati kellhom jiswew b'kollox lill-imħarrka tlieta u ħamsin elf Lira Maltin (Lm 53,000)[17]. Din kellha tħallashom hekk: għoxrin elf Lira Maltin (Lm 20,000) sa tmiem l-2005; għoxrin elf Lira (Lm 20,000) oħrajn sal-aħħar ta' Ġunju tal-2006; u l-aħħar tlettax-il elf Lira Maltin (Lm 13,000) sal-aħħar tas-sena 2006. Talli kellu jsir l-imsemmi appalt taħt is-superviżjoni ta' Mercury, kien miftiehem li l-imħarrka tħallas ukoll elf Lira Maltin (Lm 1,000) għal darba waħda;

Illi l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ sar bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin fit-28 ta' Lulju, 2005[18], u l-imħarrka ħallset akkont mill-prezz miftiehem u ħalliet bilanċ ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000) li kellhom jitħallsu bla mgħax malli Ferdinand Grech Limited tikseb it-tħassir ta' ipoteka speċjali partikolari sal-aħħar ta' dik is-sena. Jekk kemm-il darba l-kumpannija ma tkunx għadha kisbet il-kanċellament tal-imsemmija ipoteka speċjali sa dakinhar, l-imħarrka kellha tħallas l-Lm 10,000 xorta waħda, iżda l-kumpannija bejjiegħa tkun marbuta tagħtiha garanzija b'ipoteka speċjali fuq ġid ieħor tagħha li mhux l-"*Ambjent Complex*";

[14] Dok "JRD", f'pagg 39 – 45 tal-proċess
[15] Li jġibu € 163,056.14fi flus tal-lum
[16] Dok "MI2", f'paġġ. 10 – 1 tal-proċess
[17] Li jġibu € 12,3456.78 fi flus tal-lum
[18] Dok "MI1", f'paġġ. 5 – 9 tal-proċess

Illi l-imsemmija ipoteka legali speċjali tħassret b'kuntratt ta' ratifika u kanċellament bis-saħħa ta' Nota ta' Riferenza mressqa fir-Reġistru Pubbliku fid-9 ta' Awwissu, 2005[19];

Illi l-imħarrka wettqet b'kollox ħlasijiet ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000) fit-30 ta' Awwissu, 2005[20]; erbatax-il elf Lira Maltin (Lm 14,000) fit-22 ta' Diċembru, 2005[21]; ħmistax-il elf Lira Maltin (Lm 15,000) fis-27 ta' Ġunju, 2006[22] u ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) fit-30 ta' Novembru, 2006[23]. Fl-irċevuta magħmula f'dan l-aħħar ħlas, inkiteb hekk "*Received the sum of LM 5,000 being remaining balance on appalt. The other LM 10,000 is being .. by cancellation deed to-day*". Missier u ħu l-imħarrka jgħidu li fil-bidu ta' Awwissu tal-2005, huma kienu ħallsu għaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000) fi flus kontanti lil Fredinand Grech fl-uffiċċju tiegħu f'Birkirkara[24], u la ntalbet u lanqas ingħatat riċevuta dwar dak il-ħlas. Missier l-imħarrka jgħid li għalih l-irċevuta kienet ingħatat meta kien sar il-kuntratt nutarili ta' xiri-u-bejgħ;

Illi bis-saħħa ta' att nutarili tat-30 ta' Novembru 2006[25] fl-atti tal-istess imsemmi Nutar Darmanin, Ferdinand Grech Limited (li f'isimha fuq dak l-att deher Ferdinand Grech) iddikjarat li hija kienet tħallset il-bilanċ ta' għaxart elef Lira maltin (Lm 10,000) mingħand l-imħarrka fuq il-bilanċ tal-prezz li kien għad fadlilha tħallas għax-xiri tal-appartament u ż-żewġ remissi, filwaqt li żiedet tiddikjara illi l-kumpannija "*does not have any claims both in respect of the price as also in respect of the contract of works against the said Roberta Grech*". Din id-dikjarazzjoni saret minkejja li l-appalt mal-imħarrka kien sar ma' Mercury u mhux ma' Ferdinand Grech Limited[26];

Illi fit-22 ta' Frar, 2007, Mercury bagħtet tinterpella lill-imħarrka b'ittra uffiċjali biex titlobha tħallas il-bilanċ li tgħid li kien għad fadal x'jitħallas dwar l-appalt;

Illi minħabba li l-imħarrka baqgħet ma għamlitx il-ħlas mitlub, Mercury fetħet din il-kawża fis-27 ta' Marzu, 2007;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li element ewlieni tal-kwestjoni huwa dak ta'

[19] Dok "BZ", f'paġġ. 154 – 5 tal-proċess
[20] Dok "MI4", f'paġ. 13 tal-proċess
[21] Dok "MI5", f'paġ. 14 tal-proċess
[22] Dok "MI6", f'paġ. 14A tal-proċess
[23] Dok "MI7", f'paġ. 15 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Anthony Grech f'paġġ. 85 – 6 tal-proċess
[25] Dok "MI8", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda tan-Nutar Joseph R Darmanin f'paġ. 161 tal-proċess

min, mill-partijiet, imissu jitwemmen l-aktar. Miżjud miegħu, imbagħad, hemm l-aspett ta' x'provi jmissha Qorti tħalli li jitressqu kontra jew b'żieda ma' dawk dokumentali mressqa mill-partijiet;

Illi minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża u tar-Rikors promotur, huwa ċar li dak li Mercury qiegħda tippretendi mingħand l-imħarrka huwa l-ħlas tal-bilanċ li din kien għad fadlilha tħallas taħt il-ftehim tal-appalt. Dwar il-bejgħ tal-appartament u tar-remissi ma jidher li kien għad fadal isir l-ebda ħlas u jekk kien għad fadal dan ma tistax titolbu Mercury għaliex Ferdinand Grech Limited kienet sidt l-appartament u r-remissi li xtrat l-imħarrka;

Illi dwar il-ħlasijiet dokumentati u li jirriżultaw mill-atti tal-kawża, joħroġ li saru dawn il-ħlasijiet: (A) Dwar il-prezz tal-bejgħ: tħallsu Lm 10,000 mal-iffirmar tal-att tal-konvenju fil-11 ta' April, 2005, liema ħlas kien magħmul minn żewġ *bills payable* ta' erbat elef disa' mija u disgħa u disgħin Lira Maltin (Lm 4,999) kull wieħed flimkien ma' żewġ Liri Maltin fi flus kontanti[27]; LM 50,000 fuq il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ fit-28 ta' Lulju, 2005 liema ħlas kien magħmul permezz ta' *bill payable*; u Lm 10,000 fuq l-att ta' dikjarazzjoni tal-ħlas tal-bilanċ tal-prezz fit-30 ta' Novembru, 2006, liema ħlas kien magħmul minn żewġ *bills payable* ta' erbat elef disa' mija u ħamsa u disgħin Lira Maltin (Lm 4,995) kull wieħed flimkien ma' għaxar Liri fi flus kontanti[28]; filwaqt li (B) dwar ix-xogħol miftiehem b'appalt: Lm 10,000 fit-30 ta' Awwissu, 2005 permezz ta' *bill payable*[29]; Lm 14,000 fit-22 ta' Diċembru, 2005[30]; Lm 15,000 fis-27 ta' Ġunju, 2006[31]; u Lm 5,000 fit-30 ta' Novembru, 2006[32]. Skond dawn il-figuri, il-prezz tal-bejgħ tħallas kollu filwaqt li fadal bilanċ ta' LM10,000 prezz tal-appalt;

Illi l-imħarrka taqbel li mal-att finali tħallset, permezz ta' bank draft, is-somma ta' ħamsin elf Lira Maltin (LM50,000) u mhux is-somma ta' sittin elf Lira (Lm 60,000) kif jissemma fl-att. Tallega iżda li l-ftehim mas-soċjeta` venditriċi kien li mal-kuntratt jitħallsu LM60,000 iżda bi żball missierha, li kien qiegħed jeħdilha ħsieb dak kollu li kellu x'jaqsam mal-kuntratt, peress li hi ma kellhiex esperjenza, ħa miegħu biss *bank draft* ta' LM50,000. Skond missier l-imħarrka, il-venditur ġibidlu l-attenzjoni għal dan il-ftehim meta kienu għand in-Nutar biex jiffirmaw il-kuntratt: "kien qalli **quddiem in-nutar** (enfasi miżjuda mill-Qorti) illi isma' aħna ma

[27] Dok "MI11", f'paġ. 32 tal-proċess
[28] Dok "MI13", f'paġ. 34 tal-proċess
[29] Dok "MI4", f'paġ. 13 tal-proċess
[30] Dok "MI5", f'paġ. 14 tal-proċess
[31] Dok "MI6", f'paġ. 14A tal-proċess
[32] Dok "MI7", f'paġ. 15 tal-proċess

ftehmniex fuq LM50,000 imma LM60,000".[33] In-Nutar Darmanin, iżda, xehed li waqt il-kuntratt ma jiftakar l-ebda diskors u li l-inkwiet inqala' wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt.[34] Għalhekk, dejjem skont il-verżjoni tal-imħarrka, in-Nutar kiteb fil-kuntratt li tħallset is-somma ta' LM60,000; is-soċjeta` venditriċi fdathom li jħallsu l-bilanċ fi ftit jiem; u effettivament hekk sar billi ftit tal-ġranet wara tħallsu fi flus kontanti; u ta' dawn ma ġietx rilaxxata riċevuta għax diġa` kien hemm l-irċevuta fuq il-kuntratt;

Illi, min-naħa tiegħu, Ferdinand Grech, direttur ta' Mercury (u wkoll direttur ta' Ferdinand Grech Limited), jiċħad li kien hemm xi ftehim li l-imħarrka tħallas LM60,000 fuq il-kuntratt u li tħallsu LM10,000 fi flus kontanti bla ma ġiet rilaxxata riċevuta ftit jiem wara l-kuntratt.[35] Huwa jisħaq li kull darba li tħallas xiħaġa mingħand missier l-imħarrka, dan dejjem talbu jagħtih riċevuta, imqar meta l-ħlas kien ta' xi globi li jintramaw barra l-appartament;

Illi n-nutar Joseph R. Darmanin, li rrediġa kemm il-konvenju, il-kuntratt ta' bejgħ, u l-kuntratt tal-appalt, spjega li fuq il-kuntratt ta' bejgħ innifsu ngħatat riċevuta ta' LM60,000 filwaqt li fuq il-kuntratt tħallsu LM50,000 biss għar-raġuni li skond il-prassi tiegħu u ta' għadd ta' nutara oħrajn, huwa żied l-ammont iddepożitat mal-konvenju.[36] Fuq il-kuntratt hemm imsemmi li kien fadal x'jitħallas bilanċ ta' LM10,000 li kellhom jitħallsu iktar tard wara li titħassar ipoteka gravanti l-proprjeta` mibjugħa li kienet tirriżulta mir-riċerki. Fil-fatt eventwalment din tħassret, tħallset is-somma ta' LM10,000 u sar l-kuntratt ta' kanċellament. Fil-fehma tal-Qorti, ladarba fil-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ kien hemm klawsola fejn ix-xerrejja (l-imħarrka) kienet qiegħda żżomm għaxart elef Lira Maltin mill-prezz miftiehem sakemm titħassar l-iskrizzjoni ipotekarja, dan ifisser li d-dikjarazzjoni tal-ħlas tal-prezz imsemmija fil-kuntratt imsemmi kienet tgħodd fiha x'kien tħallas sa dakinhar (jiġifieri magħduda s-somma mħallsa akkont tal-prezz fil-konvenju) u mhux li s-somma kollha kienet tħallset fuq l-att;

Illi jifdal li l-Qorti tqis liema miż-żewġ verżjonijiet mogħtijin mill-partijiet imissha toqgħod fuqha. Mercury tgħid li l-imħarrka għad fadlilha tħallasha bilanċ mill-prezz tax-xogħol appaltat u li l-'kwittanza' li tatha fuq l-att tat-30 ta' Novembru, 2006, kien frott ta' żball li kienet indotta fih minn kliem missier u ħu l-istess imħarrka. Min-naħa tagħha, l-imħarrka tistrieħ fuq ix-xhieda ta' missierha u ta' ħuha li l-Lm 10,000 li Mercury

[33] Xhieda ta' Anthony Grech f'paġġ 66 u 78 tal-proċess
[34] Xhieda tan-Nutar Joseph R Darmanin f'paġ. 52 tal-proċess
[35] affidavit ta' Ferdinand Grech, a fol 27 sa 31
[36] depożizzjoni tan-Nutar a fol 49,50

tippretendi kienet tabilħaqq tħallset ftit jiem wara l-kuntratt u li b'hekk ma seħħ l-ebda żball fid-dikjarazzjoni li Mercury għamlet fuq il-kwittanza. Hija tgħid ukoll li din il-verżjoni tagħha hija msaħħa bil-provi dokumentali li tressqu;

Illi jibda biex jingħad li ġie għadd ta' drabi deċiż illi żball bħalma Mercury tgħid li għamlet jista' jiġi kkoreġut, billi "*qualunque approvazione di conti s'intende sempre fatta senza pregudizio di errori od omissione. Verificati tali errori, l'interessato può sempre, nonostante la quittanza, insistere per la correzione e per essere indennizato delle partite errate od omesse*"[37];

Illi l-Qorti f'dan il-każ hija ffaċċjata b'żewġ verżjonijiet kuntrastanti. Parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[38]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[39];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[40] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[41]. Iżda dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*"[42];

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Huwa d-

[37] App. Kumm. **3.5.1907** fil-kawża fl-ismijiet ***Negte Souaja proprio et nomine -vs- Salila Hanania*** (Kollez. Vol. **XX.i.262**); P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Scerri et pro et noe vs Philip Petroni et noe et*** (mhix appellata); P.A. PS **9.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Julian Cachia vs Joseph Cachia*** fost oħrajn
[38] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[39] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[40] Art. 562 tal-Kap 12
[41] Art. 559 tal-Kap 12
[42] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***

dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[43]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra ma għandhiex tbati minn tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[44]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[45]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[46];

Illi tajjeb li wieħed iżomm ukoll quddiem għajnejh li d-difiża tal-imħarrka f'din il-kawża tissejjes fuq l-eċċezzjoni tal-ħlas imwettaq ("*exceptio soluti*");

Illi huwa magħruf li eċċezzjoni bħal din hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jeħles minn talba tal-kreditur tiegħu għall-ħlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni[47] u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur[48]. Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi[49] kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, ġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien

[43] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[44] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[45] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[46] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[47] Art. 1147(1) tal-Kap 16
[48] Art. 1146 tal-Kap 16
[49] Art. 1145(a) tal-Kap 16

tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[50];

Illi meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-riċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ. Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas[51];

Illi f'każ bħal dan li l-Qorti għandha quddiemha llum, jidher xieraq li ssegwi t-tagħlim li jgħid illi "*bħala kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġjonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe` l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor reus in excipiendo fit actor, għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' konflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*"[52];

Illi l-Qorti tqis li fil-każ preżenti, ma hemm l-ebda dubbju dwar l-esiġibilita` tal-kreditu, li jinkombi fuq Mercury li tippruvah. Dwar dan fil-fatt m'hemmx kontestazzjoni. Id-diverbju huwa dwar jekk sarx pagament partikolari ta' għaxart elef Lira (LM10,000), u l-piż tal-prova ta' dan huwa mixħut fuq spallejn l-imħarrka. "*Min jallega l-pagament għandu l-oneru li jagħti l-prova li l-obbligazzjoni ġiet estinta bil-ħlas. Għalkemm huwa minnu li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tingħata mhux biss b'riċevuti li, b'ċerta finalita' jattestaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, iżda din il-prova tista' tinġieb ukoll b'meżżi oħra. Fl-assenza ta' riċevuti, pero', il-prova trid tkun tali li ma tħalli ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant*".[53] Huwa

[50] P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**
[51] P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.776**) u App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Pearson et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.317** a fol. 322 – 3)
[52] P.A. MCC **27.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Żerafa vs Nażżareno Muscat Scerri*** (mhix pubblikata)
[53] Maġ (Għ) AE **14.5.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvu Attard vs Salvu sive Sammy Camilleri*** (mhix appellata)

mgħallem ukoll li "*La prova del pagamento e` a peso del convenuto che lo allega*" [54]. Il-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi risolut favur l-attur[55];

Illi wara l-Qorti għarblet sewwa l-provi li tressqu mill-partijiet, waslet għall-fehma li, mhux talli l-imħarrka naqset li ġġib għas-sodisfazzjon tal-Qorti provi ċari li tabilħaqq għamlet il-ħlas mitlub minn Mercury, talli hemm indizji qawwija li jippuntaw fid-direzzjoni opposta. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, (i) in-Nutar Darmanin jagħti spjegazzjoni tas-somma ta' LM60,000 li hija inkompatibbli u konfliġġenti ma' dik mogħtija mill-imħarrka jew mix-xhieda mressqin minnha. Bħala uffiċċjal pubbliku, in-Nutar m'għandux "klijenti" u huwa figura newtrali u *super partes* u għalhekk l-atti tiegħu igawdu fiduċja pubblika. F'dan il-każ intgħażel mill-imħarrka u għalhekk kien ta' fiduċja partikolari tagħha wkoll. M'hemm l-ebda raġuni għalhekk l-għala n-Nutar m'għandux jitwemmen. Min-naħa l-oħra, Anthony Grech, missier l-imħarrka, mistoqsi għalfejn sena wara ħallas LM10,000 jekk qabel kien diġa' ħallas il-prezz tal-bejgħ kollu, m'għarafx iwieġeb[56]. Fit-tieni lok, u kif issemma aktar 'il fuq, (ii) skont il-verżjoni tal-imħarrka, tħallset is-somma ta' LM10,000 mal-konvenju, u tniżżel li tħallset LM60,000 oħra fuq il-kuntratt li fil-fatt tħallsu Lm50,000 fuq il-kuntratt u LM10,000 ftit tal-jiem wara għaliex Ferdinand Grech fdahom u rrilaxxja riċevuta qabel sar il-ħlas. Li jfisser li allura tħallsu, jew jidher li tħallsu, il-flus kollha rappreżentanti l-prezz ta' LM70,000 fuq il-kuntratt. Kieku din il-verżjoni kienet waħda veritjera, ma kienx hemm lok li fil-kuntratt jissemma li kien għad fadal x'jitħallsu LM10,000 oħra; bilanċ li ma kien hemm l-ebda ftehim li jitħallas fuq il-kuntratt iżda bi żvista ma tħallasx, imma li, skont il-kuntratt, ma tħallasx pendenti l-kanċellament tal-ipoteka;

Illi l-Qorti jifdlilha tqis biss il-kwestjoni tal-provi kontra dak li nkiteb. Dan jingħad għaliex l-ewwel talba attriċi tintrabat sewwa ma' kitba u ċ-ċirkostanzi li fiha saret, u għaliex ix-xhud imressaq mill-imħarrka jiġġustifika n-nuqqas ta' talba tiegħu għal riċevuta fil-ħlas tal-għaxart elef Lira sewwasew għaliex jgħid li din ma kellux jitlobha ladarba l-kuntratt kien jixhed li sar il-ħlas;

Illi hawnhekk tidħol ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola *contra scriptum*

---

[54] Ara P.A. CS **30.6.1982** fil-kawża fl-ismijiet *Joseph* ***Azzopardi vs Pacifiku Cutajar*** u l-ġurisprudenza hemm iċċitata (mhix pubblikata)

[55] Ara P.A. HH. **29.7.1982** fil-kawża fl-ismijiet *Armando* ***Seychell vs Frank Gabriele*** (mhix pubblikata); P.A. HH **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony H.Satariano vs Edgar Saliba*** (mhix pubblikata); Kumm. **28.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Mizzi***, (mhix pubblikata); u P.A. **30.6.2000 GV** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Scicluna vs Domenic Cutajar*** (mhix pubblikata) fost bosta oħrajn

[56] Paġ. 72 tal-proċess

*testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji[57]. Kemm hu hekk, dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba[58]; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[59];

Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim, (ii) il-ftehim ikun simulat, (iii) l-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) meta jqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ippruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta mal-ftehim miktub ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu[60];

Illi l-Qorti tifhem li kien tabilħaqq il-każ li Ferdinand Grech (f'isem Ferdinand Grech Limited) kien indott minn missier u ħu l-imħarrka biex jemminhom meta, dakinhar tal-kuntratt tat-30 ta' Novembru, 2006, kienu qalulu li kienu ħallsuh għaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000) wara l-kuntratt u li kellhom irċevuta biex juru dan. Minħabba f'hekk, huwa (f'isem tal-imsemmija kumpannija) ta lill-imħarrka kwittanza kemm dwar il-kuntratt tax-xiri-u-bejgħ u kif ukoll dwar l-appalt li fih kienet Mercury il-kreditriċi tassew. Huwa minnu li Ferdinand Grech kien jidher fuq il-kuntratti kemm għal Mercury u kif ukoll għal Ferdinand Grech Limited, iżda jibqa' l-fatt li l-kwittanza dwar l-appalt taha fil-qafas tal-kuntratt li sar biex jitħallas il-bilanċ tal-prezz tal-kuntratt tax-xiri-u-bejgħ u kif ukoll fl-okkażjoni meta missier l-imħarrka wettaq ħlas ta' ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) fi flus kontanti. Ma huwiex kontestat li l-irċevuta li kemm missier l-imħarrka u kif ukoll ħuha kienu semmew lil Grech ma ntwerietlu qatt għaliex qatt ma sar il-ħlas minnhom suġġerit;

---

[57] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)
[58] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***
[59] App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.221**) u l-għadd ta' riferenzi hemm imsemmija
[60] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti sejra ssib li l-**ewwel talba attriċi** hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi minħabba f'hekk, isegwi li Mercury għadha tabilħaqq kreditriċi tal-imħarrka fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 23,293.73) bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet appaltati li tqabbdet tagħmel. Dan ifisser li għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi** dak li tippretendi Mercury huwa tajjeb ukoll, għaliex mill-provi li tressqu ntwera li l-imħarrka ħallset u ssaldat l-obbligazzjonijiet tagħha lejn Ferdinand Grech Limited dwar il-kisba tal-appartament u ż-żewġ remissi, iżda ma wettqitx il-ħlas kollu tal-obbligazzjonijiet tagħha lejn Mercury dwar l-imsemmi appalt;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrka naqset li tiddefendi l-**eċċezzjonijiet** imressqin minnha dwar l-istess talbiet attriċi li sejrin jitwarrbu;

Illi dan ifisser ukoll li t-**tielet talba attriċi** hija mistħoqqa wkoll u l-imħarrka għandha tħallas lil Mercury l-bilanċ tal-appalt minnha mogħti kif mitlub minn Mercury u muri tajjeb biżżejjed bħala li għadu dovut lejha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li d-dikjarazzjoni magħmula mill-kumpannija attriċi fuq l-irċevuta tat-30 ta' Novembru, 2006, safejn tgħid li l-imħarrka kienet qatgħet kull dejn li kellha dwar l-appalt mogħti minnha lill-istess kumpannija attriċi hija dikjarazzjoni milquta minn żball, u li dak l-iżball kien ir-raġuni ewlenija għaliex saret l-istess dikjarazzjoni;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrka għad għandha tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma bilanċjali ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 23,293.73) bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet appaltati li tqabbdet tagħmel;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 23,293.73) fuq imsemmija flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** lill-imħarrka tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**21 ta' April, 2016**